# L-istatwa tal-Kunċizzjoni popolarment magħrufa bħala Madonna tal-Ġilju



Lejn nofs is-seklu dsatax kien hemm ix-xewqa li ssir statwa sabiħa tal-Madonna tal-Ġilju. Dak iż-żmien ma kienux għadhom jeżistu partiti u għalhekk l-inizjattiva kienet tiġi normalment min-naħa tal-kappillan innifsu bil-għbir isir mingħand il-poplu kollu. Fil-fatt fi żmien il-kappillan Dun Franġisk Vella li kien ilu jmexxi l-parroċċa sa mis-sena 1863, kien beda jsir il-ġbir għal din l-istatwa. Sfortunatament ma teżisti ebda dokumentazzjoni li turi meta l-istatwa ġiet ikkummisjonata u kemm ġiet tiswa kif fil-fatt teżisti fil-każ tal-istatwa Titulari ta' Santa Marija. Li nafu żgur hu li Mastru Innoċenz Żammit magħruf bħala "In-Naxxari", li kien kuntrattur tat-toroq u li kien tat-tajjeb, kien daħal jagħmel tajjeb għal din l-istatwa bħala benefattur ewlieni.



L-istatwa tal-kartapesta ġiet ikkumissjonata u nħadmet minn Ġanni Darmanin tal-Isla għalkemm huma bosta li kienu jaħsbu li din l-istatwa nħadmet minn ħuh Karlu Darmanin li kien il-moħħ l-iżjed ġenjali fejn jidħlu statwi tal-kartapesta. Fil-ġenb fuq in-naħa ta' isfel ta' l-istatwa tqiegħed anġlu bil-ġilju f'idejh. Dan minħabba li fl-Imqabba l-istatwa kienet ser tiġi msejħa bħala dik tal-Ġilju u mhux bhala l-Immakulata Kunċizzjoni. Biss jingħad ukoll li l-anġlu sar sabiex ikun hemm xebħ ma' l-istatwa ta' Santa Marija, li hi wkoll għandha anġlu ma ġenb riġlejha. Fl-istess żmien li Ganni Darmanin kien qed jagħmel l-istatwa il-Kan. Paolo Pullicino irregala flimkien ma' diversi oġġetti oħrajna stellarju tal-fidda.

L-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju waslet l-Imqabba għall-festa tas-sena 1876 sewwasew fil-21 ta' Mejju minħabba li qabel il-festa kienet tiġi ċċelebrata l-aħħar Ħadd ta' Mejju. Din l-istatwa ġiet esposta fil-knisja u kellha tinħareġ fil-proċessjoni ta' l-istess festa. L-istatwa tal-Madonna taħt it-titlu minn tal-Ġilju ġiebet ħafna ferħ lejn l-Imqabba iżda kien hemm il-biża' li kienet ser tqum xi pika żejda fost il-poplu minħabba li fl-Imqabba kien ser ikun hemm żewġ festi importanti: waħda f'gieħ Santa Marija u l-oħra f'gieħ il-Madonna tal-Ġilju.

It-Tieni Gwerra Dinjija ġabet magħha ħsarat kbar lill-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba speċjalment nhar id-9 ta' April 1942 meta bomba laqtet lill-knisja u ma setax jonqos lill-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju. Insibu li f'rikors li għamel Dun Gużepp Xuereb fis-sena 1952 dan wera bic-car li: "Qabel il-gwerra l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni, meqjuma fil-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba kienet tiġi esposta fil-knisja fuq bradella għanja, skulturata u intarsjata. B'xorti ħażina, din tfarrket fi żmien il-gwerra. Tul dawn l-aħħar għaxar snin, l-istatwa qed titqiegħed fil-knisja fuq kaxxa ta' njam ordinarju, li tigi mgħottija minn biċċa drapp ħamra li biha titgħatta l-miżerja u l-indiċenza ta' dik l-istess kaxxa." Il-permess mixtieq li ssir bradella li tixraq lil din l-istatwa ingħata. L-iskultur Emmanuel Buhagiar minn Ħal Tarxien, għamel id-disinn tal-bradella, u aċċetta li jidħol għax-xogħol tagħha. Il-bradella tlestiet u ġiet inawgurata fis-sena 1954, is-sena meta d-dinja kienet qed tfakkar egħluq l-ewwel ċentinarju mid-domma ta' l-Immakulata, mill-Papa Piju IX. Fis-sena 1971 saru xi restawri oħrajn fuq din l-istatwa. Gużeppi Farrugia ħallas is-somma ta' tletin lira sterlina lil ċertu Paul Xuereb li deher għad-Ditta F. Costanzo tal-Belt, għal dawn ir-restawri li saru. Fis-sena 1983, il-kappillan Dun Manwel Vella ħass il-htiega li din l-istatwa ssirilha r-restawr neċessarju għaliex kienet bdiet tixxaqqaq. Skond rapport tal-Kurja, datat 22 ta' Mejju 1984, jidher li: "L-ħsara tikkonsisti fi qtugħ tal-figura tal-Madonna minn mad-dinja li tpoġġi fuqha. L-istatwa, bil-ħsara li għandha, tista' tintuża, iżda hemm riskju kbir li tista' ddur. B'tiswija immedjata tista' tiġi evitata din il-ħaġa, u lispejjeż ukoll jibqgħu baxxi." Kemm Dun Ġino Gauci kif ukoll Ġlormu Dingli insistew li x-xogħol kellu jsir fis-sajf sabiex il-ġibs ikun jista' jinxef sewwa qabel ma ssir l-induratura. Għalhekk wara l-festa tal-1984 l-istatwa ttieħdet lejn ir-Rabat għand Ġlormu Dingli li għamel ir-restawr neċessarju. Wara l-istatwa ttieħdet lejn l-Imdina għand Horace Farrugia sabiex issirilha l-induratura. Wara kważi sena xogħol l-istatwa ġiet lura lejn l-Imqabba fis-27 ta' Mejju 1985.

Referenzi: L-IMQABBA mal-medda taż-żmien / editur Charles Farrugia – Imqabba: Kunsill Lokali, Imqabba u Parroċċa tal-Imqabba, 1998 - Xvii, 254p; 25cm ISBN: 99909-68-53-5